# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-7 ta' Dicembru, 2016.**

**Rikors Numru 594/2016 SM**

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat**
**Numru 153/2013/SM u wara**
**il-Mandat ta' Inibizzjoni**
**Numru 42/2013/JA**
**fl-ismijiet:**

**Mark Muscat**
**(I.D. Numru 409077 M)**

**vs.**

***HSBC Bank Malta p.l.c.***
**(C – 3177)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat iz-19 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu l-bank rikorrenti sintetikament espona s-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi dan ir-rikors hu intavolat *ai termini* tal-artiklu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta wara li l-intimat odjern ottjena l-hrug ta' mandat t'inibizzjoni in konnessjoni ma process ta' dixxiplina inizjat mill-bank rikorrenti fil-konfront tal-istess intimat;

1.2. Illi sussegwentement ghal dan, l-istess intimat odjern beda procedura kontra l-bank hawn rikorrenti biex dan jigi dikjarat li mexa b'mod diskriminatorju kontra tieghu, u jikkompensah ghad-danni li kkagunalu;

1.3. Illi fil-frattemp saru diversi inkontri biex jintlahaq ftehim bejn il-kontendenti;

1.4. Illi bhala gest in *buona fede* il-bank hawn rikorrenti informa lill-intimat li:

1.4.1. Qed jirtira l-akkuza li hareg fil-konfront tieghu; u

1.4.2. Qed jirtira wkoll il-proceduri dixxiplinari;

1.4.3. Qed jistiednu jirritorna ghax-xoghol, (ara foll 4);

1.5. Illi l-intimat odjern minflok ghazel li jabbanduna t-tahdidiet in dizamina;

1.6. Illi *di piu`*, jirrizulta li pproceda ulterjorment kontra l-bank rikorrenti u akkuzah li qieghed ibiddel unilateralment il-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu peress li talbu jirritorna ghax-xoghol fi grad li ma kienx maqbul minnu;

1.7. Illi l-bank rikorrenti jirrespingi l-allegazzjoni li kiser il-mandat *de quo*, (ara foll 5);

1.8. Illi d-drittijiet pretizi mill-intimat odjern huma kollha salvagwardati;

1.9. Illi ghalhekk il-bank rikorrenti hu tal-fehma li m'hemmx bzonn li l-mandat *de quo* jibqa' *in vigore*;

1.10. Illi *di piu`*, m'hemm l-ebda possibilita` ta' ritaljazzjoni daparti tal-bank rikorrenti fuq l-intimat odjern *stante* li l-akkuzi indirizzati kontra l-intimat gew irrevokabbilment irtirati;

1.11. Illi l-bank *de quo* m'ghadux intenzjonat jiddixxiplinah aktar;

1.12. Illi kull tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-intimat odjern sar permezz ta' kuntratt bejn il-*Union* involuta u l-bank *de quo*;

1.13. Illi a bazi tal-istess ftehim, l-intimat odjern ircieva €108,000.00;

1.14. Illi in vista tal-premess il-bank rikorrenti adixxa din il-qorti u jitlob is-segwenti:

1.14.1. Illi l-mandat t'inibizzjoni fuq citat jigi revokat *ai termini* tal-artiklu 836(1)(b) u (f) tal-Kap 12 fuq gia` riferit *stante* li l-elementi li wasslu ghall-hrug tal-istess mandat t'inibizzjoni Numru 42/2013 illum m'ghadhomx ezistenti;

1.14.2. Illi ghalhekk l-istess mandat m'ghandux jibqa' *in vigore*;

2. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 10);

3.0. Rat ir-risposta datata l-1 t'Awwissu, 2016, li permezz taghha l-intimat odjern irrisponda sintetikament bil-mod segwenti: (ara foll 17)

3.1. Illi jopponi t-talba tal-bank rikorrenti;

3.2. Illi l-mandat attakkat hu decizjoni kurjali datata t-28 ta' Jannar, 2013;

3.3. Illi il-procedura hi limitata biex tezamina biss is-segwenti:

3.3.1. Jekk l-intimat odjern ghandux bazi guridika *in prima facie* ghall-pretensjoni tieghu; u

3.3.2. Jekk huwiex gustifikat jikkawtela tali pretensjonijiet b'mandat t-inibizzjoni kontra l-bank hawn rikorrenti;

4.0. Illi l-fatti li wasslu ghall-vertenza pendenti bejn il-kontendenti jistghu jigu sintetikament delineati bil-mod segwenti:

4.1. Illi fl-24 ta' Settembru, 2012, l-MUBE, li taghha l-intimat hu membru, ordnat azzjoni industrijali fit-taqsima partikolari li taghha hu ufficcjal rapprezentant;

4.2. Illi fil-kors tal-istess azzjoni, jirrizulta li hareg minn fuq il-post fejn kien jahdem u ha mieghu xi dokumenti;

4.3. Illi bi zvista halla l-istess dokumenti fil-garaxx tal-bank *de quo*;

4.4. Illi sakemm irrealizza dan id-dokumenti lahqu sparixxew mill-post;

4.5. Illi ma gie pprezentat l-ebda filmat li juri minn kien hadhom mill-istess post;

4.6. Illi kien l-istess intimat odjern li rrapporta l-akkadut hekk kif irrealizza x'kien gara;

4.7. Illi sussegwentement il-bank hawn rikorrenti kien inizja proceduri ta' dixxiplina kontra l-intimat odjern ghaliex isosstni li l-intimat ma kellux ikollu dik l-informazzjoni partikolari kontenuta fid-dokumenti minnu mitlufa;

4.8. Illi l-intimat odjern iqis dik l-azzjoni bhala wahda:

4.8.1. Eccessiva; u

4.8.2. Diskriminatorja;

4.9. Illi l-intenzjoni wara tali procedura kienet li tikkastiga lill-intimat *de quo* billi:

49.1. Jew tkeccieh;

49.2. Jew tikkastigah mod iehor;

minhabba l-funzjoni li hu kellu fl-azzjoni industrijali tal-24 ta' Settembru, 2012, fuq riferita, (ara paragrafu numru erba' punt wiehed, (4.1.), aktar qabel);

4.10. Illi din il-qorti diversament preseduta kienet laqghet it-talba tieghu u permezz ta' decizjoni datata t-28 ta' Jannar, 2013, kienet harget mandat t'inibizzjoni biex tikkawtela d-drittijiet tieghu;

4.11. Illi l-bank rikorrenti dejjem insista li kellu dritt jikkastiga lill-intimat odjern minhabba dak li gara fl-24 ta' Settembru, 2012;

4.12. Illi rizultat ta' dan kollu l-intimat odjern tilef ix-xoghol specjalizzat li kellu u thalla ma jaghmel xejn;

4.13. Illi hu stramb il-mod kif il-bank rikorrenti agixxa f'din il-procedura, anke billi intavolha sahansitra fil-ferjat – pass meqjuz odjuz;

4.14. Illi mhux korretta l-allegazzjoni tal-bank rikorrenti li jsosstni li stieden lill-intimat odjern biex jintlahaq ftehim;

4.15. Illi in effetti saru diversi tentattivi mill-intimat odjern biex jintlahaq ftehim izda dawn dejjem gew frustrati mill-bank rikorrenti;

4.16. Illi f'laqgha msejha appozitament il-bank rikorrenti ppretenda li l-intimat odjern jiffirma ftehim precedentement miktub mill-istess bank f'liema laqgha ma jirrizulta li kien hemm l-ebda diskussjoni paritarja fir-rigward;

4.17. Illi ghalhekk il-possibilita` ta' ftehim kienet biss kimerika;

4.18. Illi l-bank *de quo* anke waqaf li jhallas il-licenzja tal-*MFSA* li kienet tippermetti lill-istess intimat jopera fix-xoghol specjalizzat tieghu;

4.19. Illi sussegwentement il-bank *de quo* informa lill-intimat odjern li kien ser ikollu xoghol differenti minn dak li kellu u b'dan fehem li allura kien ser jinghata xoghol inferjuri;

4.20. Illi jsosstni wkoll li anke s-sinkronizzazzjoni tal-azzjonijiet tal-bank rikorrenti kienet intiza li tohloq disagg akbar billi kienu immirati li jikkoincidu mal-ezamijiet universitarji tal-intimat;

4.21. Illi ghalhekk dan kollu juri li l-ghan ewlieni tal-bank rikorrenti hu dak li jehles mill-intimat odjern;

4.22. Illi l-intimat isosstni li qatt m'iffirma xi ftehim li permezz tieghu jirrinunzja ghad-drittijiet tieghu;

4.23. Illi l-hlasijiet li l-bank rikorrenti ghamel minn jeddu fil-kont tal-intimat odjern huma ferm inferjuri ghall-ammonti li kien jippercepixxi qabel l-24 ta' Settembru, 2012;

4.24. Illi minhabba l-agir tal-bank rikorrenti l-intimat odjern ihoss li hu aktar impellenti li jibqa' jigi protett mill-mandat kawtelatorju in kwistjoni;

4.25. Illi l-bank *de quo* ma gab l-ebda raguni rigwardanti l-artiklu 836(1)(b) tal-Kap 12 in dizamina ghaliex it-talba tieghu ghandha tintlaqa`;

4.26. Illi fir-rigward tal-artiklu 836(1)(f) tal-istess Kap indikat fil-paragrafu precedenti jinghad li biex it-talba tal-bank odjern tintlaqa' jinhtieg li l-gustifikazzjoni biex jinhareg u jinzamm tali mandat ma tridx tkun ghada aktar tissussisti – haga li mhix il-kaz hawnhekk;

4.27. Illi kollox jindika li l-azzjoni odjerna intrapriza mill-bank rikorrenti hi intiza biss biex ittelfu l-protezzjoni tal-qorti;

4.28. Illi l-bank rikorrenti mhux in *buona fede*;

4.29. Illi ghalhekk l-intimat jitlob li t-talbiet tal-bank rikorrenti jigu respinti;

5. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datati t-2 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipprezentaw;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi essenzjalment il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu sintetikament jigu elenkati bil-mod segwenti:

6.1. Illi fl-24 ta' Settembru, 2012, il-*"Malta Union of Bank Employees"* kienet ordnat azzjoni industrijali fit-taqsima tal-*Wealth Management"* tal-bank hawn rikorrenti, (ara foll 1 u foll 19);

6.2. Illi tul din l-azzjoni industrijali l-intimat odjern jirrizulta li hareg minn fuq il-post tax-xoghol tieghu u waqt li kien fil-garaxx tal-istess bank fejn kien jahdem jirrizulta li tilef xi dokumenti sensittivi, li kienu fil-*"briefcase"* tieghu, (ara foll 1 u foll 18);

6.3. Illi kien l-istess intimat odjern li rrapporta l-incident in dizamina, (ara foll 18);

6.4. Illi l-bank rikorrenti beda proceduri dixxiplinari fil-konfront tal-intimat odjern *stante* li jsosstni li mhux suppost li kellu tali informazzjoni fuqu, (ara foll 1 u foll 18);

6.5. Illi l-intimat odjern sussegwentement talab u ottjena mandat t'inibizzjoni Numru 42/2013 datat it-28 ta' Jannar, 2013, kontra l-bank in dizamina biex iwaqqaf il-process ta' dixxiplina hekk inizjat fil-konfront tieghu, (ara foll 1 u foll 19), jew li b'kull mod iehor unilateralment jittratta lill-istess b'mod differenti mill-impjegati l-ohra fi gradi A21 sa A26 fit-Taqsima tal-*"Wealth Management"*, (ara foll 20);

6.6. Illi b'din il-procedura l-bank rikorrenti qed jitlob ir-revoka tal-mandat t'inibizzjoni kawtelatorju fuq riferit, (ara l-paragrafu precedenti), u dan, a bazi tal-artiklu 836(1)(b) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet fuq citati, (ara foll 3);

6.7. Illi ovvjament l-intimat odjern qed jopponi din it-talba tal-bank rikorrenti, (ara foll 17);

6.8. Illi sintetikament isosstni s-segwenti: (ara foll 17)

6.8.1. Illi l-mandat minnhu ottenut hi azzjoni legittima spettanti lilhu;

6.8.2. Illi l-bank rikorrenti ghandu jigi inibit milli jkeccieh mill-impjieg jew li jbiddillu l-kondizzjonijiet tal-istess impjieg;

6.8.3. Illi rizultat tal-istess m'ghandux jittrattah b'mod differenti minn impjegati ohra tal-istess kategorija;

6.9. Illi jirrizulta pacifiku li l-kawza fuq il-mertu tal-vertenza qeghda fi stat matur, (ara foll 21);

6.10. Illi ghalhekk hu imperattiv li sakemm tigi deciza l-kawza fil-mertu, l-mandat *de quo* ghandu jibqa' *in vigore*;

6.11. Illi l-intimat odjern baqa' jithallas il-paga bazika tul id-durata tal-vertenza in dizamina ghalkemm twaqqfitlu l-licenzja biex jopera fix-xoghol specjalizzat tieghu *stante* li l-bank *de quo* ma baqax ihallas l-istess mal-*MFSA*, (ara foll 20);

6.12. Illi ghalkemm saru xi laqghat intizi biex jintlahaq ftehim bejn il-kontendenti, dawn mhux biss irrizultaw inkonklussivi izda taw lok ghal aktar inkomprensjoni, (ara foll 2 u foll 19 u 20);

6.13. Illi ghalhekk fil-prezent il-posizzjonijiet tal-kontendenti jirrizultaw inkolciljabbli;

Ikkunsidrat:

7. Illi jigi sottolineat li l-pretensjoni odjerna tal-bank rikorrenti tista' biss tigi determinata fl-ezami tal-mertu li gia` qieghed jigi epurat fi procedura appozita u mhux fil-procedura odjerna li hi biss konsistenti f'ezami preliminari intiz biss li *prima facie*, senjatament "mad-daqqa t'ghajn", min hu dovut jara jekk il-procedura intrapriza hix konformi mal-artiklu 836 tal-Kap 12 fuq riferit;

8. Illi f'dan id-dawl il-qorti kemm- il darba ssottolineat li bl-ebda mod m'ghandha tidhol fil-fond fil-meritu tal-vertenza f'dan l-istadju *stante* li l-procedura kif intiza fl-artiklu 836 in dizamina hi wahda ta' natura sommarja fejn l-ezami fiha kondott irid necessarjament ikun wiehed superficjali *in prima facie*;

9. Illi ghalhekk fiha nnifisha, gialadarba dan il-principju procedurali hu ovvjament risaput u kostantement ribadit minn dawn il-qrati, jirrendi din il-procedura partikolari tassew odjuza u ributtanti;

10. Illi kif irriteniet il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ***Numru 406/2001*** fl-ismijiet ***Camilleri vs. Gove` et*** deciza l-***10 ta' Mejju, 2001***:

> "Mid-disposizzjoni tal-istess artiklu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-qorti huwa biss dak ta' *prima facie*, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-qorti f'dan l-istadju, u dan, tenut kont li hawn *si tratta* dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja";

11. Illi ghalhekk, fl-ambitu tal-ezami *in prima facie* li hawn irid isir, kemm jekk il-qorti tasal ghall-konkluzjoni li tilqa' t-talba ghar-revoka tal-mandat *de quo*, kemm jekk bil-maqlub tasal ghall-konkluzjoni li tirrespingi tali talba, din id-decizjoni bl-ebda mod ma tincidi fuq l-ezitu finali tal-kawza li tkun qed tiddetermina il-mertu tal-istess;

12. Illi ghalhekk jigi sottolineat li f'kaz li t-talba ghall-hrug ta' kontro-mandat hawn intavolata, l-accertament li jsir xorta hu accertament *in prima facie* izda *nonostante cio`* t-talbiet fil-mertu xorta wahda jistghu jirnexxu, u dan ovvjament hu minnhu wkoll jekk jirrizulta bil-maqlub;

Ikkunsidrat:

13. Illi l-bank rikorrenti qieghed jibbaza t-talba tieghu ghar-revoka tal-mandat precedentement mahrug fuq il-bazi tal-artiklu 836(1)(b) u (f) tal-Kap 12 fuq riferit;

Ikkunsidrat:

14.0. **L-Artiklu 836(1)(b) tal-Kap 12**:

14.1. Illi dan is-subartiklu jistipula li jista' jinhareg kontro-mandat meta:

> "... wahda mill-htigiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti";

14.2. Illi talba f'dan is-sens taht dan is-subartiklu tista' tirnexxi jekk ir-rikorrenti juri li l-htiega ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju *de quo* ma tkunx ghada ezistenti *stante* li inbiddlu c-cirkostanzi fir-rigward;

14.3. Illi l-htigijiet li l-ligi procedurali titlob biex persuna tista' titlob il-hrug ta' mandat kawtelatorju huma sintetikament is-segwenti, (ara ***Prim'Awla tal-Qorti Civili***, fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech nomine et vs. Dr. Patrick Spiteri nomine et nomine***, datata t-***3 t'Awwissu, 2001***):

14.3.1. Illi jkollha pretensjoni ta' dritt kontra il-persuna li dwarha jinhareg il-mandat;

14.3.2. Illi ssir il-kawza, (jew mal-att jew fi zmien preskritt), biex tigi ezaminata u deciza l-pretensjoni ta' dritt sollevata;

14.3.3. Illi l-mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti rikjesti statutorjament biex ikun jista' jinhareg legittimament;

14.3.4. Illi l-mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbilita` ta' min ikun talbu;

Ikkunsidrat:

15. Illi minn ezami tar-rizultanzi kif fuq sintetikament esposti ma jirrizultax li dan is-subartiklu jista' jigi applikat ghall-procedura odjerna *stante* li l-istess bank rikorrenti jonqos milli jindika li xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti huma llum nieqsa;

16. Illi ghalhekk din it-talba tal-bank rikorrenti ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

17.0. **L-Artiklu 836(1)(f) tal-Kap 12**:

17.1. Illi dan is-subartiklu jistipula li jista' jinhareg kontro-mandat meta:

> "...jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli";

17.2. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Spiteri vs. Darmanin***, datata l-***25 t'Awwissu, 2010***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** irriteniet is-segwenti:

> "Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa', (ghal kollox jew in parti), fis-sehh;

Din it-tifsira tohrog mill-kliem “jinzamm” u “aktar mehtieg” li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-mandat issa m’ghadux il-kaz”;

Ikkunsidrat:

18. Illi minn ezami tal-fatti mid-data ta’ meta inhareg il-mandat t’inibizzjoni in dizamina, it-28 ta’ Jannar, 2013, sallum, ghandu jinghad li jirrizulta pacifiku li effettivament ghadhom jezistu r-rekwiziti kollha li jiggustifikaw tali mandat;

19.0. Illi min-naha tieghu l-bank rikorrenti isosstni s-segwenti:

19.1. Illi hafer lill-intimat odjern;

19.2. Illi m’ghadux intenzjonat jiddixxiplinah;

19.3. Illi qieghed jissalvagwardja lill-intimat odjern billi effettwa l-*“buy-out”*;

20. Illi *nonostante* l-posizzjoni fuq elenkata tal-bank rikorrenti, l-intimat odjern ghad m’ghandu l-ebda assikurazzjoni certa u univoka li ma ssirx xi ritaljazzjoni fil-konfront tieghu mill-bank rikorrenti;

21. Illi ghalhekk din it-tieni talba tal-bank rikorrenti ghandha wkoll tigi respinta;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-bank rikorrenti ma ipprovax it-talbiet tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

22.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tal-bank rikorrenti;

22.2. Takkolji r-risposti kollha tal-intimat odjern;

22.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-bank rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**